MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 413/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**1. Atar Limited, u
2. Azwaim u Brigitte mizzewgin Atwair (K.I. numri 14126(A) u 379081(M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fl-24 ta` April 2012 li jaqra hekk –

*Illi permezz ta` sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta` Jannar 2000 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Atar Limited, u 2. Azwaim u Brigitte mizzewgin Atwair" (Citazzjoni Numru 536/99RCP) (Dok. "A"), is-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici ta` l-intimati Atar Limited u Azwaim u Brigitte mizzewgin Atwair fis-somma ta` tletin elf, erba` mija u disgha u sittin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€30,469.23) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta` Ottubru 1998 sal-jum tal-pagament effettiv.*
*Illi d-debitu ta` l-intimati Atar Limited u Azwaim u Brigitte mizzewgin Atwair illum jammonta ghal dsatax-il elf u erbghin Euro u disa` centezmi (€19,040.09), oltre l-ispejjez u flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-5 ta` April 2012 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2").*

*Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu ta` l-intimati Atar Limited u Azwaim u Brigitte mizzewgin Atwair ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Atar Limited u 2. Azwaim u Brigitte mizzewgin Atwair" (Citazzjoni Numru 536/99RCP) (Dok. "A"), bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra l-intimati.*

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti mill-bank rikorrent mar-rikors promotorju.

Rat illi ghalkemm l-intimati kienu debitament notifikati skond il-ligi, huma baqghu ma ppresentawx risposta.

Semghet ix-xiehda ta` Rose Cortis fl-udjenza tal-lum, ghal liema udjenza, l-intimati baqghu ma dehrux.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Risultanzi</u>

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-**<u>Art.253 u l-Art.258 tal-Kap.12</u>**.

Jirrizulta li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta` Jannar 2000 fil-kawza fl-ismijiet "*Bank of Valletta p.l.c. vs (1) Atar Limited u (2) Azwaim u Brigette mizzewgin Atwair*" (Citaz. Nru. 536/99 RCP) ghaddiet in gudikat. Ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-**<u>Art.253(a) tal-Kap.12</u>**.

Jirrizulta illi fl-24 ta` April 2012, mill-ammont mertu tas-sentenza fuq riferita, l-intimati kienu ghadhom debituri tal-bank rikorrent fl-ammont bilancjali ta` €19,040.09, oltre l-ispejjez, u flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri effettivi mill-5 ta` April 2012. Hekk ikkonferma bil-gurament tieghu Romwald Attard, rapprezentant tal-bank rikorrent, mal-presentata tar-rikors promotorju.

Jirrizulta ukoll, mid-deposizzjoni ta` Rita Cortis, rapprezentant iehor tal-istess bank, fl-udjenza tal-lum, illi wara l-24 ta` April 2012, id-debituri baqghu ma hallsu xejn, u ghalhekk baqa` jakkumula l-imghax.

Billi s-sentenza baqghet ma gietx ezegwita ghal kollox, u ghaddew ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita, il-kaz jaqa` fil-parametri tal-**<u>Art.258(a) tal-Kap.12</u>**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u fil-kontumacja tal-intimati, din il-Qorti, qeghda tilqa` t-talba tal-bank rikorrent kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------